MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru. 285/2013

**SPETTUR LUKE BONELLO**
**VS**
**JESMOND MUSU**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jesmond Musu ta’ 49 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Cremona, mwieled Floriana nhar il- 31 ta’ Dicembru 1963, residenti 15, Vjal in- Naspli, San Gwann u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 95364M;

Talli nhar l- 24 ta’ Marzu 2013 ghall- habta ta’ bejn il-17.30 u s- 18.00 gewwa Lucol Ground Pembroke;

1) Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom

jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

2) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblikua, kontra persuni nkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 917 Joseph Camilleri, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien diehel fi ground ta’ l- isports jew filwaqt li kien qieghed hemmhekk jew kien hiereg minn hemm volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

5) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdix l- ordnijiet legittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

6) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien diehel fi ground ta’ l- isports, jew filwaqt li kien qieghed hemmhekk jew kien hiereg minn hemm uza kliem offensiv jew gab ruhu abbuzivament;

7) Il- Qorti hija gentilment mitluba f’ kaz ta’ htija tikkunsidra lil hati bhala recidiv ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 95, 96, 339(1)(d), 338(ee), 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta u LS 10.33 u Regolament 6 u 7 ta’ LS 10.33 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tikkundannah multa ta’ mitt ewro (€100) u tordna l-inibizzjoni tieghu milli jattendi loghgob tal-football ghal erba’ (4) xhur.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------